MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 318/2008

Alfred Vella (ID. 1014944M)

Vs

Pauline Cilia, u b'digriet datat 11 ta' Dicembru tas-sena 2008, gie nominat l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lil Pauline Cilia.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' sitt mija, tnejn u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€652.22) rapprezentanti ordni ta' kcina, liema kcina giet debitament konsenjata u accettata da parti tal-konvenuta, li minkejja li nfurmat l-attur li kienet ser taffettwa l-pagament relattiv, baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-rikors tal-attur datat 10 ta' Dicembru 2008.

Ra d-Digriet tieghu datat 11 ta' Dicembru 2008.

Ra d-Digriet tieghu datat 16 ta' April 2009.

Ra r-risposta tal-Kuratur deputat Dottor Renzo Porsella Flores, li ecepixxa illi huwa ma jafx bil-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif l-attur jghaddi kull taghrif li ghandu, l-aktar l-indirizz ta' Pauline Cilia, huwa jaghmel hiltu biex jaqbad maghha halli jkun jista' jaqdi dmiru kif imiss.

Ra r-rikors tal-Kuratur deputat tat-30 ta' Lulju 2009.

Ra d-Digriet tieghu tal-4 ta' Settembru 2009.

Ra l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Settembru 2009.

Sema x-xhieda tal-attur Alfred Vella.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tax-xhieda moghtija minnu, l-attur ikkonferma li huwa kien gie mqabbad mill-konvenuta sabiex jahdmilha kcina u dana peress li xogholu kien dak ta' mastrudaxxa. L-attur spjega kif kien inghata struzzjonijiet specifici minghand il-konvenuta dwar kif kellha ssir din il-kcina u li huwa hadem skond dawn l-istruzzjonijiet. Huwa kkonferma li kkonsenja l-kcina lill-konvenuta. L-attur xehed ukoll li kien ta 'quotation' tal-prezz tal-istess kcina lill-konvenuta, liema prezz ta' mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280) (ekwivalenti ghal €652.22 kif mitluba fl-Avviz) kien gie accettat minnha. L-attur spjega li huwa ma thallas qatt tax-xoghol li kien ghamel u dana minkejja li l-konvenuta kienet qaltlu li kienet bi hsiebha thallsu. Gara li wara ftit zmien l-attur kien gie infurmat li l-konvenuta kienet lesta li thallsu biss l-ammont ta' Lm200, izda peress li dan ma kienx il-prezz miftiehem, l-attur ma gabarx dan l-ammont u baqa jinsisti li jithallas il-prezz globali.

Peress li ma gew prodotti l-ebda provi da parti tal-konvenuta li b'xi mod jikkontradixxu dak li xehed l-attur, dan it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux jilqa t-talba tal-attur.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna l-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt mija, tnejn u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€652.22), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica W. Galea Debono.**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------